# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 460/01mm**

**Joseph Azzopardi**

**vs**

**(1) George Micallef**

**(2) James Alexander Casha**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghal:

1. Dikjarazzjoni tal-konvenuti jew minn minnhom unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-15 ta' Marzu, 2001, gewwa B'Kara waqt li l-konvenuti kienu qed isuqu l-vetturi Nru. LCA 775 u HAD 219 rispettivament b'mod negligenti u kontra r-regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li habtu ma' xulxien u sussegwentement laqtghu lill-vettura DAC 596 propjeta' ta' l-attur li dak il-hin kienet ipparkjata, u ikkagunaw hsarat konsiderevoli f'din il-vettura.
2. Tillikwida id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tliet mija u tmenin liri Maltin (Lm380.00) jew somma ohra verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.
3. Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom ihallsu lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsult (Lm18.00), ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti, u kontra l-istess konvenut li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fit-2 ta' Lulju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum.